**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Carmel Micallef**

Numru: 88/2013

Illum 13 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat **Carmel Micallef**, bin Michael u Vincenza neé Tabone, imwieled fit-3 ta' Gunju 1946, residenti CRM Holiday Services, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 48246(G), akkuzat talli nhar it-13 ta' April 2013, ghall-habta tal-12:45hrs gewwa Triq Marsalforn, Zebbug, Ghawdex:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi trakuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq u jimmanuvra vettura JAU 217 ta' ghamla Suzuki Jeep fixkel il-karreggjata u involontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Galea I.D. 9189G hekk kif iccertifika Dr. Marvic Masini MD tal-iSptar Generali t'Ghawdex;

2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq u jimmanuvra vettura JAU 217 ta' ghamla Suzuki Jeep fixkel il-karreggjata u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Joseph Galea I.D. 9189G;

3. saq l-imsemmija vettura tieghu bla kont u bi traskuragni.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 77) datata 21 ta' April 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 226(1)(a) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-11 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 87), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' April 2014 (*a fol.* 77), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelant.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Ra li l-imputat ma ressaqx provi ohra ghajr li ta d-depozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 108), lil Dr. Carmelo Galea ghall-kwerelant jiddikjara li l-kwerelant kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 108), lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 109 *et seq.*), lid-difiza taghmel is-sottomissjoniet finali taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, xehed **Dr. Marvic Masini** (*a fol.* 14 *et seq.*) fejn beda billi kkonferma c-certifikat mediku (Dok. "MM 1" – *a fol.* 6) rilaxxat minnu. Jispjega li dakinhar tat-13 ta' April 2013 ezamina lil Joseph Galea. Jghid li Galea kellu: *"grif f'diversi partijiet ta' gismu. Kellu wkoll frattura tal-humerus, l-ghadma tal-id, taht l-ispalla tal-lemin"* (*a fol.* 14). Jghid li din il-frattura kienet wahda ta' natura gravi *per durata* u dana peress li frattura ddum sitt gimghat biex tfieq, cioé aktar minn tletin gurnata. Jghid li l-frattura in kwistjoni kienet *three part fracture*, cioé aktar minn semplici frattura.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **Joseph Galea** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn spjega li fit-13 ta' April 2013 ghas-1.00pm kien qed isuq mutur Yamaha 250 minn Marsalforn fid-direzzjoni tar-Rabat. Jghid li kien wahdu u li ma kien hemm l-ebda vettura tinstaq fid-direzzjoni li kien qed isuq hu. Fir-rigward ta' vetturi mid-direzzjoni opposta, jghid li ma jiftakarx jekk kienx hemm. Ezebixxa numru ta' ritratti li gew immarkati minn Dok. "JG 1" sa "JG 9" (*a fol.* 29 *et seq.*) u spjega li huwa kien qed isuq mid-direzzjoni li tidher l-vettura l-hamra fuq Dok. "JG 1" (*a fol.* 29). Jispjega li r-ritratti mmarkati bhala Dok. "JG 4" u "JG 5" (*a fol.* 31) juru t-triq li gie minnha l-imputat. Mistoqsi jghid jekk l-imputat kienx wahdu fil-vettura, jghid: *"Nahseb ghax jien ma nafx, ma rajtux fil-karozza. X'kien hemm fil-karozza ma ghandhiex idea"* (*a fol.* 19). Jispjega li hu (Galea) kien qed isuq b'mod normali u jispecifika li kien qed isuq b'madwar 50-60 km.f.s. Jghid: *"[B]azikament normali kont ghaddej. U naqqast u mbaghad rajtu waqaf jiena. Ghidt orajt rani mela. U kif ersaqt aktar qribu bazikament l-ahhar seba' metri, ma ghandiex idea ezattament kemm, imma hareg u kif tara t-triq hawnhekk bazikament ma tantx tista' taghmel, bil-fors trid taghlaq it-triq"* (*a fol.* 20). Jghid li lill-imputat f'illi rah mixi u

f'illi rah wieqaf u wara rega' qala'. Jghid li kien f'distanza mill-imputat madwar hamsin metru meta rah jerga' jaqla. Wara specifika li d-distanza kienet daqs nofs jew tlett kwarti tul l-awla principali tal-Qorti ta' Ghawdex. Fuq ritratt Dok. "JG 1" (*a fol.* 29) immarka b'salib fejn kien hu meta ra lill-imputat jaqla'. Jghid li malli ra lill-imputat, hu (Galea) ghafas il-brejk biex jevitah kemm jista' jkun u: *"il-mutur beda jmur u l-karozza dejjem tersaq qrib qrib u qrib [...]. U dak in-nhar ma niftakar xejn aktar"* (*a fol.* 23). Jghid li waqa' mal-art u kellu *blackout.* Jghid li l-hsara fil-mutur kienet minima. Jixhed li spicca b'idu tal-lemin miksura. Jghid li l-imputat staqsieh jekk kienx jaf in-numru tal-ambulanza u mbaghad qabad u telaq minn fuq il-post. Jghid li ma hax in-numru tal-vettura pero setgha jiddesriviha bhala vettura bajda qisha *jeep* u bil-*canvas* fuq wara. Jghid li fil-mutur kellu hsara fil-*front cover* u fl-*indicators* tal-gnub. Jghid li kellu wkoll: *"grif in-naha ta' isfel tal-mutur u fil-handles. U ghatna fuq il-fuel tank. Fuq in-naha tal-lemin"* (*a fol.* 25). Fir-rigward tal-griehi li sofra jghid: *"jiena bazikament kelli ferita gravi. Ir-right humerus miksura fi tlett bnadi"* (*a fol.* 26). Jghid li saret operazzjoni fuqu fid-19 ta' April 2013. Jghid li bl-operazzjoni ghamlulu *plate* tat-*titanium* u spicca b'madwar tnax-il vit go idu. Jghid li l-i*scar* ghadha tidher sewwa. Jghid li xoghlu huwa dak ta' pilota u jghid li hmistax il-gurnata wara mar jaghmel xoghol fl-ufficju. Jixhed: *"Bazikament flying domt xahrejn biex nerga' nibda, sakemm it-tabib mediku tieghi jiccertifikani tajjeb ghal flying"* (*a fol.* 28).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, xehed ukoll l-**Avukat Dottor Carmelo Galea** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien cempillu missier Joseph Galea fejn infurmah li Galea kellu incident u talbu jmur fuq il-post. Jghid li hu (Dr. Galea) mar fuq il-post u ha r-ritratti kollha li gew ezebiti minn Galea waqt id-depozizzjoni tieghu. Ezebixxa wkoll ritratti ohra li gew immarkati bhala Dok. "CG 1" sa "CG 7" (*a fol.* 36 *et seq.*). Huwa spjega x'juru dawn ir-ritratti.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **PS 73 Josef Camilleri** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn xehed fuq ir-rapport u l-iskizz imhejjija minnu in segwitu tal-incident stradali li sehh fit-13 ta' April 2013. Huwa ezebixxa r-rapport u l-iskizz li gew immarkati bhala Dok. "JC 1" u "JC 2" (*a fol.* 46 *et seq.*). Wara li gie muri ritratti

mmarkati bhala Dok. "CG 1" sa "CG 7" (*a fol.* 36 *et seq.*), ikkonferma li dawn juru l-lokalita' fejn sehh l-incident u l-marki li thallew fl-art. Mistoqsi jghid xi hsara sofra l-mutur jghid li kellu grif tat-tkaxkira li ha mal-art. Jghid li l-grif ma kienx wiehed kbir.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Frar 2014, xehed **Albert Galea** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn spjega li huwa proprjetarju tal-mutur Yamaha 250 ta' kulur ahmar u abjad. Jispjega li dan il-mutur garrab xi hsarat in segwitu tal-incident li sehh f'April 2013, liema mutur kien qed jigi misjuq minn ibnu Joseph Galea.

**Albert Galea** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' April 2014 (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn ezebixxa dokument li jirrigwarda *spare parts* tal-mutur in kwistjoni, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "AG 1" (*a fol.* 83 *et seq.*). Jghid li dawn l-i*spare parts* kellhom jintxraw minn barra minn Malta. Jghid li l-mutur ingieb mill-Awstralja u l-i*spare parts* gew ordnati minn ibnu Joseph Galea mill-Ingilterra. Jghid li l-ammont tal-i*spare parts*, inkluz il-posta, jammontaw ghal elf, mija u hamsa u erbghin Euro (€1,145). Jghid li kien huwa (Albert Galea) li ta struzzjonijiet lil ibnu biex jordna dawn il-*parts* peress li kien jaf fiex kienu jikkonsistu l-hsarat kagunati fil-mutur.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2014, xehed **Profs. Jason Zammit** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn spjega li fis-16 ta' April 2013 Joseph Galea kien mar fit-Taqsima tal-Emergenza fl-iSptar Mater Dei fejn Galea ddeskriva li kien involut f'incident stradali tlett (3) ijiem qabel f'Ghawdex. Jghid li Galea ried opinjoni ohra ta' kif kellu jsir it-trattament. Jghid li fl-Emergenza f'Malta Galea nghata l-parir li kien hemm bzonn issirlu operazzjoni fid-driegh tal-lemin u dana peress li kienet miksura b'rizultat tal-incident stradali. Jghid li l-operazzjoni saret fid-19 ta' April 2013 u li hu (Profs. Zammit) ma rax lil Joseph Galea fl-ebda wiehed mill-appuntamenti fl-*outpatients*. Jispjega pero li Galea kien dejjem taht il-kura tieghu bhala konsulent tat-*team*. Jghid li l-griehi sofferti minn Galea huma gravi peress li jinvolvu ksur. Jghid li fit-23 ta' Novembru 2013 hemm indikata nota fejn it-tabib li ezamina lil Galea nnota li l-moviment tal-ispalla ta' Galea kienet wahda kompluta. Jghid li lil Galea sarulu pjanci bil-viti fil-*humerus* tal-lemin. Jghid li l-pjanca ghadha hemm. Mistoqsi jghid meta

titnehha, wiegeb: *"M'hemmx regola li trid titnehha bilfors. Il-pjanca titnehha biss jekk ikun hemm problemi fil-futur li f'hafna drabi ma jkunx hemm jigifieri m'hemmx in-necessita' definittiva li trid titnehha"* (*a fol.* 73).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **Saviour Farrugia**[1] (rapprezentant ta' Transport Malta – *a fol.* 74) fejn xehed rigward il-licenzji tas-sewqan li ghandu l-imputat. Huwa kkonferma d-dokument li jinsab immarkat bhala Dok. "SF 1" (*a fol.* 67).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015, xehed l-imputat **Carmel Micallef** (*a fol.* 92 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut hekk kif gie biex jitla' t-telgha li hemm minn gol-wied ghal got-triq, l-ewwel hares lejn in-naha ta' Marsalforn biex jara kienx gej traffiku u ma deher hadd, pogga l-*gear* fuq il-*first,* tela', dar biex gie fuq in-naha tieghu, u kif taha s-*second gear* sema' habta, hares mill-mera u ra l-mutur warajh imwahhal gol-hajt u lil Galea litteralment nizel mis-sema ghal rasu f'nofs it-triq. Jghid li qabel dan il-mument ma kienx ra la lil Galea u anqas il-mutur tieghu. Jghid li anqas kien semghu. Ikkonferma li minn fejn kien gej hu (Micallef) hemm vizwal meta wiehed ihares lejn Marsalforn. Mistoqsi jghid kemm lehaq mexa wara li hareg bil-*first gear* u kien ser jaghtiha s-*second gear*, wiegeb li madwar tmien sa ghaxar metri. Jghid li kien fid-direzzjoni lejn ir-Rabat u jispjega li mentri hemm zewg karreggjati li jehduk lejn ir-Rabat, hemm zewg karreggjati li jehduk lejn Marsalforn. Jghid li l-karreggjata li kien mixi fiha hu hija wahda wiesgha li tippermetti anke xarabank tghaddi minnha. Jghid li Galea fl-ebda hin ma mess mieghu. Jghid li meta ra lil Galea nizel mill-arja dan kien ezatt mieghu. Jghid: *"Hu [Galea] mieghi ezatt waqaf, habat gol-hajt"* (*a fol.* 94). Ezebixxa sitt (6) ritratti li gew immarkati bhala Dok. "CM 1" sa "CM 6" (*a fol.* 98(a)). Jghid li dawn ir-ritratti ttiehdu l-ghada tal-incident. Ghal mistoqsija: *"x'hin inti ghidt waqaft u harist 'l isfel biex tara jekk kienx gej xi hadd min-naha ta' Marsalforn, kemm ilhaqt hrigt 'il barra? Jigifieri inti tlajt min dik ir-rampa"*, wiegeb: *"Tlajt dik ir-rampa, dort, sakemm biddilt il-gear"* (*a fol.* 94). Mistoqsi jghid kemm il-vettura tieghu kienet 'il barra mit-triq li kien hemm fil-genb, wiegeb bhalma tidher il-vettura f'ritratt immarkat bhala Dok. "CM 6" (*a fol.* 104).

---

[1] Saviour Farrugia kien xehed fis-seduta tal-5 ta' Frar 2014 pero minhabba raguni teknika t-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu ma setghetx tigi traskritta u ghaldaqstant kellu jerga' jixhed.

In kontro-ezami jaqbel li hu (Micallef) kien qed isuq Suzuki jeep u li l-gnub taghha huma plastik. Jikkonferma li m'hemm xejn jifred it-tinda mill-kaxxa tax-xufier. Mistoqsi jghid jekk jinstemax sewwa hoss fit-triq, wiegeb: *"Tisimghu sewwa"* (*a fol.* 95). Jaqbel li l-mutur misjuq minn Galea kien wiehed 250 u li ghandu l-hoss jinstema'. Jghid li l-mutur ta' Galea fl-ebda hin ma semghu u li qabel l-akkadut anqas rah il-mutur. Jaqbel li l-vizwal li hemm fejn kien hu lejn Marsalforn huwa dak ta' kwazi fuq mitejn metru. Jaqbel li t-triq li kien hiereg minnha hu thares lejn Marsalforn. Jikkonferma li kien hiereg mit-triq li tidher f'ritratt immarkat bhala Dok. "JG 4" (*a fol.* 31). Jikkonferma wkoll li biex johrog minn din it-triq u jdur lejn ir-Rabat irid jaghmel *u-turn* peress li t-triq tibghatek 'l isfel. Jikkonferma li minkejja li t-triq fiha erba' karreggjati, hemm *central strip* li tifred il-karreggjati ta' min tiela' 'l fuq u min nizel 'l isfel. Jghid li ma tax kaz jekk il-mutur kellux hsarat estensivi jew le. Mistoqsi jikkonfermax jekk il-mutur kellux hsara minima, wiegeb li huwa ra l-mutur fl-art u li ma setghax jara jekk kienx hemm xi haga fuq in-naha ta' taht. Ikkonferma li ritratt immarkat bhala Dok. "CM 3" (*a fol.* 101) juri l-vizwal minn naha tieghu.

In ri-ezami, mistoqsi jghid kemm hareg il-barra qabel ma qabad id-direzzjoni ghar-Rabat, wiegeb: *"Vettura zghira bhal dik, Jeep Suzuki miz-zghar, magna seventy five cc, din mhix trailer trid tohrog sa nofs it-triq, allura kif ddur jien ma nghidlekx li tirfsu l-line tan-nofs taz-zewg karreggjati"* (*a fol.* 97).

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, ikun opportun li l-ewwel il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward l-akkadut *per se.*

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li fl-ebda hin ma kien hemm impatt bejn il-mutur misjuq mill-kwerelant u l-vettura misjuqa mill-imputat. Il-Qorti tinnota wkoll li filwaqt li l-kwerelant Joseph Galea kien qed isuq fi triq principali li minn Marsalforn tiehdok lejn ir-Rabat, l-imputat kien gej minn trejqa li hemm fejn il-wied liema trejqa tesporgi ghat-triq li kien gej minnha l-kwerelant Galea. It-trejqa li kien gej minnha l-imputat tista' titqies bhala triq laterali

meta paragunata mat-triq li kien qed isuq fiha l-kwerelant. Filwaqt li l-kwerelant Galea jghid li hu ra lill-imputat gej mit-triq laterali, rah jieqaf u mbaghad rah jaqla', bil-konsegwenza li hu (Galea) ghafas il-brejk tal-mutur u dan hadu u gara li gara, l-imputat jghid li meta hu gie biex johrog ghat-triq principali u hares lejn Marsalforn, ma ra lil hadd, u b'hekk hareg mit-triq li kien gej minnha u hekk kif gie fit-triq principali sema' habta u ra l-mutur tal-kwerelant gol-hajt. Il-verzjonijiet moghtija mill-kwerelant u mill-imputat lill-Pulizija *a tempo vergine* huma pratikament identici ghal dak li huma qalu quddiem il-Qorti ma taw id-depozizzjoni taghhom. Dak li jista' jinghad huwa li fil-verzjoni moghtija mill-kwerelant Galea lill-Pulizija ma jirrizultax li effettivament l-imputat waqaf qabel hareg lejn it-triq principali, kif il-kwerelant Galea jghid meta huwa xehed quddiem il-Qorti. Fil-fatt *a tempo vergine* l-kwerelant Galea lis-Surgent qallu hekk:

> "Kont qed insuq il-mutur direzzjoni lejn ir-Rabat b'velocita' normali, ma tantx kont qed insuq u nnotajt karozza Jeep hierga minn gol-wied, baqa' hiereg u tellifni l-kontroll. Meta mistoqsi jekk hbatx mal-karozza jien ma niftakarx, ma nafx, jista' jkun li jien wara li tkaxkart hbatt mal-vettura fuq wara".[2]

Da parte tieghu, l-imputat qallu s-segwenti lis-Surgent:

> "Hrigt minn gol-wied ghal go Triq Marsalforn direzzjoni lejn ir-Rabat. Harist l-isfel u ma rajt lil hadd gej. Meta hrigt harist gol-mera u rajt mutur jitkaxkar warajja. [...]".[3]

Kemm il-kwerelant u kif ukoll l-imputat kienu wahidhom u kienu huma biss li setghu jixhdu rigward tal-akkadut mertu tal-proceduri odjerni.

Illi fid-decizjoni moghtija fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe et vs. Raymond Vella**, il-Qorti qalet hekk:

[2] Dok. "JC 1" (*a fol.* 46 *et seq.*).
[3] *Ibid.*

> "Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "*main road user*". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "*side road user*", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi *dead slow* u sahansitra jwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" – **Il-Pulizija vs. Anthony Galea**, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); **Joseph Rizzo vs. Paul Micallef**, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974; Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi "min ikun hiereg minn *side street* ghal *main road* ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road* u li jieqaf ghal kollox jew johrog *inching out*, u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - **Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue**, Appell Civili, 2 ta' April 1976".

Illi, apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper look out*. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**[4], il-Qorti ghamlet taghha bran mehud minn decizjoni precedenti[5] u sostniet:

> "Gie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view"* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10/08/1963] u li *'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout'* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1961])".

[4] Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004].
[5] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD].

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi minkejja li ma kien hemm l-ebda impatt bejn il-mutur misjuq mill-kwerelant Galea u l-vettura misjuqa mill-imputat, minn qari tal-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa lis-Surgent ezatt wara l-akkadut, minn dak li xehdu quddiem il-Qorti, u minn dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-ferma kovinzjoni li l-akkadut mertu ta' dawn il-proceduri sehh unikament minhabba s-sewqan ta' l-imputat. Jirrizulta li l-kawza prossima tal-akkadut kien il-hrug inopportun tal-imputat mit-triq laterali. L-imputat ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji meta gie biex johrog minn triq sekondarja ghal triq principali u jirrizulta wkoll li ma kellux il-*proper lookout* li huwa rikjest li ghandu jkollu altrimenti kien jinduna li kien gej il-kwerelant Galea fit-triq principali.

Illi jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputat naqas mill-obbligu tieghu li jassigura ruhu li qabel jixref fuq it-triq principali jkun cert li ma kienx ser ikun ta' xkiel ghall-vetturi misjuqa fit-triq principali, haga li jirrizulta li ma ghamilx. Jirrizulta li fit-tarf tat-trejqa li kien gej minnha l-imputat hemm vizwal sew fit-tul minn liema vizwal l-imputat setgha jara lill-kwerelant gej bil-mutur tieghu fit-triq principali. Minkejja li meta l-kwerelant stess jixhed quddiem il-Qorti li ra lill-imputat jieqaf qabel ma esporga fit-triq principali, dan m'huwiex bizzejjed. L-imputat kien obbligat mhux biss jieqaf pero kien obbligat <u>ukoll</u> li jara li ma kienx ser ifixkel il-vetturi li setghu kienu qed jinstaqsu fit-triq principali. Il-fatt li l-imputat jghid li huwa li ma rax il-mutur misjuq mill-kwerelant fl-ebda hin qabel huwa hareg ghat-triq principali jfisser li l-imputat ma harisx kif kien obbligat li jaghmel <u>qabel</u> gie biex johrog fit-triq principali altrimenti kien jintebah bil-mutur misjuq mill-kwerelant.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi l-Qorti ma jirrizultalhiex li l-kwerelant Galea ta lok sabiex isehh l-akkadut u ma jirrizultax anqas li Galea kien qed isuq b'xi *speed* eccessiv jew li ma kellux il-kontroll shih tal-mutur tieghu. Il-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte ta' Galea u b'hekk il-kwerelant m'ghandux jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tinnota li dan l-incident sfortunat jista' jigi kunsidrat bhala wiehed fejn bl-azzjoni tal-imputat huwa holoq emergenza subitanea imprevedibbli.[6] Ma jirrizulta bl-ebda mod li l-kwerelant holoq l-emergenza hu. Huwa car li meta l-imputat gie biex johrog ghat-triq principali li huwa ma harisx lejn fejn kellu jhares, kif kien obbligat li jaghmel, altrimenti kien jintebah bil-mutur misjuq mill-kwerelant. Din kienet ir-raguni li wasslet sabiex isehh l-akkadut mertu tal-kawza odjerna.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Offiza ta' Natura Gravi fuq il-persuna ta' Joseph Galea)</u>**:
Illi din l-imputazzjoni hija dik ta' griehi gravi involontarji skond l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioé griehi gravi kkawzati minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

[6] Appell Kriminali deciz fit-12 ta' Frar 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca**, deciza fit-12 ta' Frar 2009.

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs. Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**,*

*20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputat kien zgur negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu. M'hemmx dubju wkoll li l-imputat kellu nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Dan kollu qieghed jinghad meta wiehed jikkunsidra dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza u b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra li l-akkadut sehh minhabba l-fatt li l-imputat ma hax il-prekawzjonijiet li huwa kien obbligat li jiehu meta gie biex johrog minn triq laterali ghal triq principali bil-konsegwenza li l-kwerelant sofra griehi fuq il-persuna tieghu. Dan kollu qieghed jinghad minkejja li fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza taghmel tentattiv inutili fejn tipprova tiskolpa lill-imputat minn kwalunkwe responsabilita' u tittenta titfa' tali responsabilita' fuq il-kwerelant fejn, fost l-ohrajn, tghid li l-kwerelant ma kellux il-kontroll shih tal-mutur! Minkejja dan, il-Qorti ma tirravizax fis-sewqan tal-imputat dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan perikoluz u bla kont.

Illi, fir-rigward tal-griehi sofferti mill-kwerelant, il-Qorti tibda billi tinnota li kemm Dr. Marvic Masini u kif ukoll il-Profs. Jason Zammit xehdu li l-kwerelant sofra griehi ta' natura gravi. Da parte tieghu, Dr. Masini fic-certifikat tieghu jghid li dawn kienu griehi ta' natura gravi *per durata*.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk

veramment kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward tal-griehi sofferti mill-kwerelant, il-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda mismugha minnha (senjatament dawk li jinsabu *a fol.* 14 *et seq.*, *a fol.* 16 *et seq.*, u *a fol.* 72 *et seq.*) li l-griehi sofferti minn Galea kienu griehi ta' natura gravi tant li kellu frattura liema frattura nghad li trid sitt (6) gimghat biex taghqad.

Illi l-Qorti tinnota li fic-certifikat mediku (Dok. "MM 1" – *a fol.* 6) rilaxxat minn Dr. Marvic Masini, hemm indikat li l-griehi sofferti mill-kwerelant kienu ta' natura gravi *per durata*. Dan jghidu wkoll Dr. Masini fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Minkejja dan, mill-atti processwali ma jirrizultax li l-griehi sofferti mill-kwerelant kienu ta' natura gravi *per durata* u b'hekk filwaqt li l-Qorti tinnota li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata, minkejja li fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghal Artikolu

226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno*, il-Qorti jidhrilha li ghandha ssib htija tal-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni pero taht Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Hsara Involontarja fuq il-Mutur bin-Numru ta' Registrazzjoni JAU 217)</u>**:
Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali, filwaqt li jindika Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (liema Artikolu jaghmel riferenza ghall-offiza ta' natura gravi li jgibu l-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), jindika wkoll Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (liema Artikolu jirrigwarda kull kaz iehor mhux imsemmi fis-subincizi l-ohra ta' Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-Qorti tinnota li kien ikun ahjar kieku l-Avukat Generali ndika Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta <u>jew ahjar</u> Artikolu 328(c) u mhux Artikolu 328(d) tal-imsemmi Kapitolu u dana *stante* li filwaqt li ma giex sodisfacentement pruvat li l-griehi sofferti mill-kwerelant kienu ta' natura gravi *per durata* gie pruvat li dawn kienu ta' natura gravi minghajr il-konsegwenzi msemmija f'Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minkejja li ma giex pruvat li l-griehi sofferti mill-kwerelant jgibu l-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, pero tenut kont ta' dak li nghad fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti ser issib htija a bazi ta' Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparti minn dan, din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. *Oltre* dan, fil-

kaz odjern, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika Artikolu 328(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala *lapsus calami* u kwindi l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat *stante* li din ma tirrizulta mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni –**
**(Sewqan b'manjiera Bla Kont u Bi Traskuragni)**:
Illi f'din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li dakinhar tat-13 ta' April 2013 kienet qed isuq b'manjiera bla kont u traskurat. Fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali jindika Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jitkellem ukoll fuq sewqan b'mod perikoluz.

Illi ghandha ssir riferenza ghal dak li nghad fil-konsiderazzjonijiet rigward l-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll ghall-gurisprudenza kwotata hemmhekk. Fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni gie konkluz li l-imputat kienet zgur negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu, inkluz li kellu nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq rigward sewqan perikoluz u bla kont u, kif ukoll, tenut kont tal-hin li fih sehh l-akkadut u l-fatt li ma kienx hemm vetturi ohra jinstaqu f'dik il-parti tat-triq fejn dan sehh u ma kienx hemm nies mexjin bir-rigel, il-Qorti tasal biex tikkonkludi li s-sewqan tal-imputat ma kienx wiehed perikoluz u bla kont. Ghaldaqstant, filwaqt li l-imputat ser jigi misjub hati ta' sewqan traskurat, m'huwiex ser jigi misjub hati ta' sewqan b'mod perikoluz u bla kont.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilu u li gew pruvati, hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet, il-fedina penali (Dok. "FT 1" – *a fol.* 65 *et seq.*) tal-imputat, liema fedina penali ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja, u kif ukoll il-fatt li, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, Dr. Carmelo Galea ghall-kwerelant iddikjara li

l-kwerelant kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kkunsidrat l-insejament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.
>
> Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".

Illi, tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa. Il-Qorti tinnota wkoll li fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali jindika Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja li fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza tghid li f'kaz li l-Qorti jidhrilha li ghandha ssib htija fl-imputat, ma ghandhiex tigi ordnata s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu billi x-xoghol tal-imputat huwa bil-*minibus*, il-Qorti tinnota li filwaqt li ma ngabet l-ebda prova in sostenn ta' dan, tinnota wkoll li l-imputat mhux ser jinstab hati ta' sewqan bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz u li

fic-*charge sheet* il-Prosekuzzjoni ma talbiex ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat. Tenut kont ta' dan kollu, maghdud mal-fatt li l-kwerelant irrinzunja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, il-Qorti mhijiex ser tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u filwaqt li, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati li kien qed isuq b'manjiera bla kont [u b'mod perikoluz] u b'hekk tilliberah minn din il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 21 ta' April 2014 u senjatament Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Carmel Micallef hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u ta' dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal sewqan b'manjiera traskurata, u tikkundannah multa komplessiva ta' disa' mitt Euro (€900).

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**